# in-Natura

13



UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
-MAIN LIBRARY-

# *Your obvious*

Special air fares, trains, ferries, youth hostel accommodation,

# *link to*

International Student Identity Card,

# *Europe and*

International Youth Card, travel cards, excursions,

# *the world*

group travel, ISIS Travel Insurance

NSTS

STUDENT AND
YOUTH TRAVEL

220 ST PAUL STREET VALLETTA VLT 07 TEL: 24 49 83
45 ST FRANCIS SQUARE VICTORIA VCT 103 GOZO TEL: 55 39 77

in-Natura

pubblikazzjoni tas-
SOĊJETA` GĦALL-ISTUDJU U
L-ĦARSIEN TAN-NATURA — SSCN
P.O. Box 459, Valletta, CMR 01

*REBBIEGĦA 1993* *NRU 13.*

## F'DIN IL-ĦARĠA


4 **L-ISPANJULETT** — Michael Grima

7 **IL-KATINA TA' L-IKEL U T-TAJR TAL-PRIŻA** — John Azzopardi

11 **ANTONIO SCHEMBRI** — Ġużè Attard Tabone

5 **IL-PASSA TAT-TAJR TAL-PRIŻA** — Carmel Galea Bonavia

24 **IT-TAJR TAL-PRIŻA F'MALTA** — Natalino Fenech

27 **L-GĦASAFAR U L-BNIEDEM**

31 **LISTA TA' SPEĊI LI JISSEMMEW F'DIN IL-ĦARĠA**


BORD EDITORJALI

*Editur:* Alfred E. Baldacchino
*Membri:* John Azzopardi
Victor Falzon, Andrew Micallef
Patrick J. Schembri, Mark Vella
*Typesetting:* Gruppetta Ltd
*Produzzjoni:* Alfred E. Baldacchino
*Distributur:* Carmelo Briffa
(Tel: 49 76 82)
*Mitbugħ:* Gutenberg Press
*Colour Separations:*
Scancraft Studios, Qormi
*Ritratt tal-Faċċata:* Seqer tal-Ħannieqa
— wieħed mill-ħafna feruti
waqt il-passa
(Natalino Fenech)

© SSCN

## IT-TAJR TAL-PRIŻA — VITTMA TA' MENTALITA'

*It-tajr tal-priża, mingħajr dubju, huwa fost l-għasafar l-aktar maestużi. Il-mod tal-ħajja tagħhom isaħħar lil kull min għandu għajnejn biex japprezza. L-intelliġenza tal-bniedem tgħinu josserva, jifhem, jiskopri u japprezza. Iżda l-bniedem, dan mhux dejjem kapaċi jagħmlu. Il-bniedem hu rgħib, huwa egoist, u dak li ma jistax jagħmel hu jrid bilfors jindaħal biex jaħkmu u joħonqu.*

*Hekk dawn l-għasafar fil-gżejjer Maltin jinqatlu bla ħniena u bla mogħdrija. Hemm minn b'hekk iħossu aqwa minn dawn il-ħlejjaq maestużi. Joqtolhom u jibbalzmahom biex mingħalih juri li huwa b'saħħtu u aqwa minnhom.*

*Il-gżejjer Maltin huma mogħnija wkoll b'dawn l-għasafar. Numru kbir minnhom ipassu kemm waqt ir-rebbiegħa kif ukoll waqt il-ħarifa. Uħud minnhom, bħall-Barbaġann, l-Ispanjulett, u l-Bies, kienu jbejtu f'pajjiżna. Uħud minn dawn kull sena jipprovaw ibejtu. Minkejja li huma mħarsa bil-liġi, kollha jisfaw meqruda minn dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar. Ħarsa madwar dawn il-gżejjer tikxef numru kbir minn dawn l-għasafar, kollha bbalzmati, bla ħajja. Kollha setgħu baqgħu jittajru ħielsa u joktru, uħud minnhom anke bil-bejtiet f'pajjiżna.*

*Kemm ikun isbaħ pajjiżna kieku dawn l-għasafar ikomplu jittajru u joktru f'dawn il-gżejjer. Huwa għalhekk li s-Soċjetà għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura ma tista' qatt taqbel mat-teħid tal-ħajja selvaġġa għall-gost.*

***Alfred E Baldacchino***
***L-Editur***

# L-ISPANJULETT

*Michael Grima*

Fi żmien il-passa jidher jissaqqar *(hovering)* bilkemm jiċċaqlaq kontra r-riħ, b'denbu miftuħ u l-ponot tal-ġwienaħ jirtogħdu, iħares 'l isfel biex forsi jilmaħ xi ħaġa tajba għall-ikel. U meta jaraha dlonk jogħdos għal fuqha.

L-Ispanjulett huwa wieħed mill-ftit għasafar li kapaċi jieqfu fl-arja, jissaqqru, ifittxu l-priża tagħhom. Huwa wkoll wieħed mil-għasafar tal-priża li jidhru fiż-żewġ pases hawn Malta, jiġifieri dik tar-rebbiegħa u dik tal-ħarifa. Ġieli xi waħdiet jibqgħu għax-xitwa magħna. Oħrajn ġieli jidhru matul is-sajf.

Bħall-isqra l-oħra, l-Ispanjulett għandu l-ġwienaħ bil-ponta u d-denb tawwali. Ir-raġel ikun iżgħar mill-mara iżda forsi xi ftit isbaħ, għax għandu rasu u denbu griżi fl-ikħal. Taħt għajnejh għandu marki suwed qishom mustaċċi. Id-dahar u l-ġwienaħ huma kannella skuri b'tikek suwed waqt li l-ponot tal-ġwienaħ huma skuri ħafna. Id-denb jispiċċa b'faxxa wiesgħa sewda u oħra bajda rqiqa fit-tarf. Minn taħt għandu lewn ramli b'tikek suwed u t-truf tal-ġwienaħ huma griżi.

Il-mara m'għandhiex il-lewn griż. Ir-ras, id-dahar, il-ġwienaħ u d-denb huma kollha kannella bi strixxi rqaq suwed fuq id-dahar u d-denb. L-aħħar strixxa tad-denb hija aktar wiesgħa mill-oħrajn. Minn taħt tixbaħ ħafna lir-raġel, ħlief li t-tikek huma aktar spissi.

L-Ispanjulett kien aktar komuni fil-passat u xi pari kienu jbejtu regulari fl-irdumijiet, bħal dawk f'Ta' Ċenċ, Għawdex, jew f'xi swar madwar l-ibliet bħalma kienet tagħmel iċ-Ċawla. Kull sena xi par għadu jipprova jbejjet, iżda minħabba dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar, dan l-għasfur m'għandux ċans ikollu l-frieħ fil-gżejjer Maltin.

Il-mara tbid minn tlieta sa sitt bajdiet għall-ħabta ta' Mejju, ġo bejta li tkun sabet lesta jew fuq xi xifer tal-blat. Ġeneralment hija biss toqgħod fuq il-bajd u r-raġel jieħu postha biss għal ftit ħin. Iżda r-raġel jieħu ħsieb il-qbid tal-priża.

Meta wara xi xahar il-bajd ifaqqsu, l-omm tqatta' biċċiet żgħar mill-priża li jaqbad ir-raġel u tpoġġihom f'ħalq il-frieħ tagħha. Iżda dawn jitgħallmu jieklu l-priża waħidhom wara xi tliet ġimgħat, meta l-omm tmur tgħin lir-raġel hi wkoll fil-qbid tal-priża.

---

*Kull sena xi par Spanjulett jipprova jbejjet fil-gżejjer Maltin, iżda jisfa' vittma ta' dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar.*



L-Ispanjulett jiekol ġrieden, rettili bħall-gremxul u sriep żgħar, u insetti bħall-ħanfus u ġurati. Jista' wkoll jiekol għasafar żgħar. Kif jidher, hawn Malta hawn ikel biżżejjed biex iżomm xi ftit pari spanjuletti, u postijiet fejn jagħmlu l-bejta hawn ukoll. Dan l-għasfur, bħat-tajr tal-priża kollha, huwa mħares bil-liġi u ma jistax jiġi bbalzmat. Sfortunatament, iżda, hawn ukoll ħafna egoisti li joqtlu dawn l-għasafar għall-ibbalzmar.

Kemm ikun isbaħ li kieku l-Ispanjulett jitħalla jittajjar ħieles u jbejjet fl-ambjent naturali Malti!





ISSIEĦEB MA' L-

# SSCN

ISEM:

Data tat-twelid (taħt il-25 sena):

INDIRIZZ:

Kodiċi postali: Tel:

*Ħlas mill-membri:*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sa 14-il sena | LM 1 |
| 2. | Minn 15-il sena 'l fuq | LM 2 |
| 3. | Koppja miżżewġa | LM 3 |
| 4. | Min igħix barra minn Malta | LM 5 |
| 5. | Imsieħeb għal għomru | LM50 |
| 6. | Sħubija bħala rigal lil ħaddieħor (Nru.) | |

Firma:

Data:

*Ibgħat din it-talba lil:*

SSCN — SOĊJETA` GĦALL-ISTUDJU U L-ĦARSIEN TAN-NATURA
Kaxxa Postali 459, Valletta, CMR 01

*Ċekkijiet jew Money Orders għandhom ikunu indirizzati lill-SSCN*

# IL-KATINA TA' L-IKEL u t-Tajr tal-Priża

*John Azzopardi*

Il-ħlejjaq kollha li jgħixu fid-dinja tagħna, mill-aktar waħda mikroskopika sa l-akbar baliena, jiddependu waħda fuq l-oħra. Dan il-proċess jissejjaħ il-katina ta' l-ikel u huwa l-qofol tal-ħajja fis-sistema tan-natura. Permezz tiegħu jinżamm il-bilanċ delikat bejn il-ħlejjaq kollha.

Kull ħlejqa fid-dinja tiddependi direttament jew indirettament mill-pjanti għall-għajxien tagħha. Il-pjanti huma l-produtturi prinċipali ta' l-enerġija fin-natura. Permezz tal-klorofilla (dik is-sustanza ħadra fil-weraq) il-pjanti jużaw l-enerġija tax-xemx biex jipproduċu z-zokkor u l-lamtu. Huma jerdgħu nutrijenti oħrajn mill-ħamrija permezz ta' l-għeruq. Id-dawl tax-xemx u n-nutrijenti flimkien jipproduċu l-enerġija.

Bosta tipi ta' insetti, bħall-ġurati, il-ħanfus, il-friefet, id-dubbien u oħrajn, jiddependu direttament fuq il-pjanti għall-għajxien tagħhom. Huma jiehdu l-enerġija li tkun bniet il-pjanta. L-insetti mbagħad jittieklu minn predaturi akbar bħall-gremxul, iż-żringijiet, il-wiżgħa, l-għasafar, kif ukoll il-ħut. Dawn jistgħu jittieklu minn xi sriep jew mammiferi żgħar, imbagħad jaqgħu vittma ta' predaturi oħrajn li huma kbar u b'saħħithom, tant li middieher wieħed jaħseb li ma għandhomx għedewwa naturali. Dawn il-predaturi jkunu ġeneralment fil-quċċata tal-katina ta' l-ikel. Madankollu dan ma jfissirx li l-proċess jieqaf hawn, għax meta l-predatur il-kbir fil-quċċata tal-katina ta' l-ikel imut, il-ġisem tiegħu jitmermer, jiddekomponi u jipprovdi nutrijenti li jerġgħu jirritornaw fil-ħamrija biex jintużaw mill-pjanti għall-għajxien tagħhom. U b'hekk il-proċess jerġa' jibda mill-ġdid, għax fin-natura xejn ma jinħela.

Fost il-predaturi ewlenin li jokkupaw il-quċċata ta' katina ta' l-ikel insibu t-tajr tal-priża. Dawn l-għasafar għandhom sehem siewi fil-bilanċ tan-natura peress li jgħinu biex jinżamm kontroll fuq il-ħlejjaq l-oħrajn li magħhom jiffurmaw il-katina ta' l-ikel. Dan il-kontroll huwa importanti ferm biex il-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi tal-priża tinżamm f'livell effiċjenti biex l-eżistenza tal-pjanti li jiffurmaw il-bażi tal-katina ta' l-ikel ma tiġix mhedda. Dan il-kontroll huwa importanti wkoll biex il-popolazzjoni ta' l-ispeċi tal-priża tissaffa mill-individwi dgħajfa jew morda u b'hekk l-ispeċi tkompli tissaħħaħ permezz tal-proċess ta' l-għażla naturali. B'hekk naraw kemm huwa siewi s-sehem li t-tajr tal-priża għandhom fil-bilanċ tan-natura.

Mill-banda l-oħra, jekk waħda mill-ispeċi predaturi li fuqha tgħix tajra tal-priża tiġi milquta minn xi kawża sew

# GOOD EARTH

## NATURAL FOODS

**OFFERING A WIDE SELECTION OF**

GRAINS • LENTILS • BEANS • HERBS & SPICES • CONDIMENTS & SEASONINGS • BREAKFAST CEREALS • TRADITIONAL & HERBAL TEAS • NUTS • SEEDS • DRIED FRUITS • WHOLEMEAL BAKES & BREADS • DAILY BAKED CONFECTIONERIES • AND MUCH MORE

*Definately the Wisest and Healthiest way to eat !*

GOOD EARTH

**Good Earth Distributors Ltd.**
29, Main Street, Balluta. Tel: 341853

naturali kif ukoll artifiċjali, ngħidu aħna bħal xi epidemija jew kaċċa bla kontroll jew kontaminazzjoni tar-riżorsi ta' l-ikel minħabba t-tniġġis ambjentali, il-predatur ewlieni, jiġifieri t-tajra tal-priża, issofri l-konsegwenzi wkoll.

Wara l-1946, l-ornitoloġisti kienu ndunaw li n-numru ta' pari ta' bies kien qed jonqos serjament fil-pajjiżi tat-tramuntana madwar id-dinja. Fl-Istati Uniti n-numru ta' bisien kien diġà naqas sewwa sal-1950 u kompla jonqos sakemm il-bies għeb għalkollox minn dan il-pajjiż. Fin-nofsinhar ta' l-Ingilterra, il-popolazzjoni tal-bies bdiet tonqos serjament madwar l-1956 sakemm il-bies kważi għeb għal kollox. Sa l-1961, il-bies fit-tramuntana ta' l-Ingilterra kien naqas ħafna wkoll. Mill-1955 'il quddiem kien hemm nuqqas serju tal-popolazzjoni tal-bies fl-Iskozja, fl-Irlanda, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Iżvizzera u fil-pajjiżi Skandinavi. Minn studji li saru nstab illi n-nuqqas ta' bisien kien ikkaġunat minn akkumulazzjoni ta' pestiċidi li kienu jintużaw mill-bdiewa biex ibixxu l-uċuħ tar-raba kontra l-insetti. Il-bies kien qed jiġi kontaminat meta jiekol għasafar li kellhom doża ta' fdalijiet ta'




*1. L-insetti jiċċappsu bil-bexx velenuż li jintbexx fuq il-pjanti.*

*2. L-għasafar jieklu l-insetti mċappsin bil-velenu.*

*3. Dan il-velenu jgħaddi ġot-tajr tal-priża meta dawn jieklu l-għasafar.*

kimiċi velenużi li nġemgħu ġo fihom permezz taż-żrieragħ imbexxa mill-pestiċidi, li huma kienu jieklu mill-għelieqi. L-effetti ta' dawn il-fdalijiet kemikali li nġemgħu fil-bies kienu prinċipalment tlieta:

- il-qoxra tal-bajda tant tkun irqiqa li tinfaqa' taħt il-piż tal-bies fil-bejta;
- ma jkunx hemm fertilizzazzjoni u l-bies ma jbidx;
- id-doża ta' fdalijiet kemikali miġmugħa fil-bies tant tkun qawwija li toqtol lill-adulti.

B'hekk naraw kemm il-ħlejjaq kollha fis-sistema tan-natura huma marbutin ma' xulxin qishom katina, ħolqa msensla ma' l-oħra.

## IT-TAJR TAL-PRIŻA F'MALTA

Bħala riżultat tal-progress, il-konsumiżmu u l-egoiżmu, f'pajjiżna żdied ħafna l-iskart u miegħu l-ġrieden u l-firien. Minħabba li t-tajr tal-priża m'għadux ibejjet f'pajjiżna, ma hemm l-ebda kontroll naturali għal din il-problema. Li kieku dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar ma qerdux għal kollox lill-Barbaġann u lill-Ispanjulett li kienu jbejtu fil-gżejjer Maltin, kieku din il-problema tista' tiġi kkontrollata mingħajr l-użu ta' mezzi artifiċjali. Ikun tassew faċli għall-Barbaġann u l-Ispanjulett li joktru u jinxterdu fil-gżejjer Maltin għaliex isibu ikel biżżejjed biex irabbu aktar frieħ mis-soltu, sakemm jintlaħaq ekwilibriju bejn il-predatur u l-priża, f'dan il-każ, bejn it-tajr tal-priża u l-ġrieden. Għalkemm pajjiżna huwa żgħir, għad hawn ħafna nħawi fejn dan it-tajr tal-priża jista' jbejjet peress li dawn iż-żewġ speċi kapaċi jadattaw ruħhom ħafna għal ambjent differenti, saħansitra anke f'dak mibni. Kieku dawk li jħobbu joqtlu l-għasafar juru daqsxejn ta' maturita' u responsabbilta' u ma joqtlux it-tajr tal-priża, li wara kollox huwa mħares bil-liġi, biex jibbalzmawhom, kieku nistgħu nerġgħu naraw il-Barbaġann u l-Ispanjulett ibejtu fil-gżejjer Maltin, jekk mhux ukoll il-Kokka tax-Xagħri li ġieli bejtet u wkoll ippruvat tbejjet fl-imgħoddi. Is-sitwazzjoni f'pajjiżna hija eżempju ċar ta' kif il-bilanċ tan-natura tħassar bħala riżultat ta' ndħil dirett mill-bniedem li kisser il-katina ta' l-ikel billi qered il-predatur ewlieni f'dan il-proċess.

Mela minn dan kollu nintebħu kemm huwa delikat il-bilanċ tan-natura u kemm huwa siewi u kruċjali s-sehem tat-tajr tal-priża f'dan il-proċess naturali. Jekk il-bniedem ma jagħrafx jieħu ħsieb l-ambjent naturali jispiċċa biex jeqred dan il-bilanċ delikat li n-natura ħolqot wara tant miljuni ta' snin ta' evoluzzjoni. U jekk dan il-bilanċ jinqered, allura anke l-bniedem ibati l-konsegwenzi, kif wieħed jista' jara diġà.

# ANTONIO SCHEMBRI

*(1813 - 1872)*

*Ġużè Attard Tabone*

Antonio Schembri huwa meqjus bħala missier l-Ornitoloġija Maltija għax kien l-ewwel Malti li kiteb dwar l-istudju ta' l-għasafar tal-gżejjer Maltin. Huwa twieled il-Belt Valletta fl-10 ta' April 1813 u miet fis-7 ta' Diċembru 1872: 120 sena ilu. F'għeluq il-mitt sena mill-mewt tiegħu, is-Soċjetà Ornitoloġika – MOS kienet waħħlet mafkar ta' l-irħam fil-ġonna tal-Buskett biex tfakkar din l-okkazjoni. Mill-1972 'l hawn issemmew numru ta' toroq għal Antonio Schembri. Waħda minnhom hija dik f'Birżebbuġa fejn Schembri kellu d-dar tal-villeġġatura tiegħu u fejn kien iżomm għall-istudju tiegħu kollezzjoni kbira ta' għasafar, bebbux tal-baħar, friefet u insetti, u anke fossili. Id-dar kienet verament mużew ta' l-istorja naturali u għaldaqstant nistgħu nsejħulha l-ewwel kollezzjoni xjentifika ta' din ix-xorta hekk kbira u varja. Fid-dar tal-Belt fejn kien joqgħod, f'numru 56 Triq il-Merkanti, Schembri kellu kollezzjoni kbira tan-numiżmatika b'ħafna muniti lokali antiki. Kellu wkoll kollezzjoni kbira ta' kotba fuq l-istorja naturali, fosthom ix-xogħlijiet ta' Camillo Rondani, Linnaeus, Lamark, Cuvier, Savi, Blumenback, Lesson, Temminck u l-*Iconografia della Fauna Italica* ta' Carlo Bonaparti li kien irregalaħulu l-awtur innifsu.



*Antonio Schembri — ritratt misluf mill-awtur.*

Antonio Schembri kien awtur ta' ħafna xogħlijiet fuq suġġetti diversi. Bejn l-1843 u l-1846 kiteb tliet xogħlijiet fuq l-ornitoloġija. Fl-1847 Schembri sab dubbiena ġdida għax-xjenza. Din ġiet imsemmija għalih minn Rondani u għadha ġġib ismu sal-lum: *Ochtherae schembrii* (Rondani). Dubbien ieħor li għall-ewwel l-isem tiegħu kien marbut ma' ta' Schembri kien *Eumerus delicatae schembri* illum magħrufa bħala *Eumerus pulchellus,* u *Sphaerophoria oleandri schembri,* illum magħrufa bħala *Sphaerophoria ruppellii.* Rondani kien iddeskriva numru ta' dubbien ieħor minn fuq dak li bagħatlu Schembri. Schembri kien ukoll kiteb nota fuq żunżana *Leucopsis costae* li huwa sem-




# San Michel

naturally
pure

The leading brand in Malta's Table Water market is also available in a NEW 1 Litre returnable glass bottle.

ma għall-ħabib tiegħu n-naturalista Taljan Achille Costa. Din in-nota nqalbet għall-Franċiż minn M. A. Pierret u dehret fil-*Anales de la Sociètè Entomologique Francaise* numru LXXXVII ta' l-1847 f'paġna 87. Fil-ktieb tiegħu fuq l-għasafar ta' Malta, *Catalogo Ornitologico del gruppo di Malta,* li Schembri ppublika fl-1843, huwa jsemmi li l-Kanġu ta' Filfla kien speċi differenti u għalhekk semmieh *Thalassidroma melitensis* (Schembri). Iżda dan l-għasfur kien diġa' ġie msemmi *Hydrobates pelagicus* u l-isem ta' Schembri ma setax jiġi aċċettat. Ta' interess f'dan il-qasam huwa l-fatt li xi ornitoloġisti li qed jagħmlu studju fuq dan l-għasfur qegħdin jaraw xi differenzi bejn il-Kanġu ta' Filfla tal-Mediterran u dawk ta' l-Atlantiku, u jista' jagħti l-każ li 'l quddiem dan l-għasfur fil-Mediterran jitqies bħala sottospeċi. Huwa ta' interess ukoll li fil-Mużew ta' Liverpool, fl-Ingilterra, insibu Kanġu ta' Filfla li Schembri nnifsu kien bagħat f'Marzu ta' l-1847.

Is-Soċietà Agraria twaqqfet fl-1844, b'Antonio Schembri bħala l-ewwel segretarju tagħha. Hu baqa' f'din il-kariga sa l-1855, meta sar president ta' din is-soċjetà, kariga li baqa' jokkupa sa ma miet fl-1872. Meta wieħed iqalleb il-paġni ta' l-istorja u jiltaqa' mal-ħidmiet li għamlet is-Soċietà Agraria għall-ġid tal-biedja matul l-ewwel 25 sena ta' ħajjitha, iħoss ċertu sodisfazzjon. Waqt li kont inqalleb id-dokumenti sabiex niġbor xi tagħrif storiku dwar is-Soċietà Agraria ntbaħt kemm din is-soċjetà kienet il-benniena tal-biedja organizzata f'Malta u kif fi żmien ta' nuqqas ta' tagħlim swiet bħala torċa li wriet it-triq lil dawk li xtaqu jkunu jafu aktar dwar il-ħidma ta' l-art. Dan kien ir-riżultat li Schembri ta fit-tmexxija ta' din is-soċjetà, kif ukoll is-sehem li ta fil-pubblikazzjonijiet ta' ħafna minn kitbietu fuq l-agrikoltura, li dehru bejn l-1845 u l-1869.

Iżda Schembri ma kienx jikteb biss fuq l-istorja naturali u l-agrikoltura. Huwa kiteb ukoll fuq l-ekonomija (1851), fuq l-emigrazzjoni (1866-1867), fuq l-istatistika tal-vapuri f'Malta (1858-1866), u fuq il-ġurnaliżmu (1866). Fl-1844 kiteb il-bijografija tal-ħabib tiegħu n-naturalista magħruf il-Prinċep Carlo Bonaparte, in-neputi ta' Napuljun Bonaparte. Dan ix-xogħol li kien stampat f'Malta bit-Taljan ġie maqlub għall-Franċiż u fl-istess sena ġie stampat fi Franza. Biċċa xogħol oħra interessanti ta' Schembri kienet il-pubblikazzjoni tas-*Selva di Autori e traduttori Maltesi* fl-1855, forma ta' dizzjunarju ta' awturi Maltin. Fl-1861, Schembri qaleb għat-Taljan xogħol ta' William Prescott fuq l-Assedju ta' Malta: *Memorabile assedio di Malta nell'anno 1565 descritto da Guglielmo Prescott.*

Schembri kien ukoll membru korrispondent ta' ħafna istituzzjonijiet intellettwali barranin bħal, ngħidu aħna, is-*Société Entomologique de France* li kienet aċċettat lil Schembri fl-1847. Kien ukoll wieħed mill-fundaturi tas-*Society of Archaeology, History and Natural Sciences* li twaqqfet fl-1866, iżda li sfortunatament għebet fl-1868. Fost oħrajn kien hemm ukoll imsieħeb

f'din is-soċjetà l-magħruf avukat u poeta Ġian Anton Vassallo kif ukoll in-naturalista tabib Andrew Lieth Adams.

Ta' 25 sena Schembri kien diġa' direttur tad-ditta ta' missieru *Gio Batta Schembri e Figli* li kienet tinnegozja fit-trasport tal-merkanzija marittima għal Malta. Dan ix-xogħol ġiegħel lil Schembri jsiefer, u b'hekk ġie f'kuntatt ma' ħafna nies influwenti barranin. Fl-1836 inħatar konslu tal-Prussja u fl-1849 Konslu tal-Belġju. Minħabba dawn il-ħatriet, Schembri tilef postu bħala rappreżentant tal-Kunsill tal-Gvern wara li ġie elett għad-distrett ta' Għawdex fl-1856. Skond il-Gvern Kolonjali ma setax jirrappreżenta pajjiż barrani u fl-istess ħin jirrappreżenta lill-poplu fil-Kunsill tal-Gvern.

Mal-kollega tiegħu Ġiuseppe Gauci Azzopardi tas-Soċietà Agraria u bil-għajnuna tal-Gvernatur Sir William Reid, fl-1854 Schembri beda l-wirja agrikola li għadha ssir kull sena fl-Imnarja fil-Buskett. Kien għalhekk li l-mafkar li s-Soċjetà Ornitoloġika – MOS waqqfet għal Antonio Schembri sar fil-Buskett. Fl-1856 bdieha f'Għawdex fejn għadha ssir kull sena f'Santa Marija.

Kien Carlo Bonaparte li ħajjar lil Antonio Schembri għall-istorja naturali. Hija ħasra kbira li l-korrispondenza ta' Schembri ntilfet kollha u ħafna tagħrif għeb magħha. Iżda nafu li Schembri għen ħafna lil Bonaparte meta dan kien qiegħed jikteb il-ktieb monumentali *Iconografia della Fauna Italica* billi kien bagħatlu xi għasafar minn Malta biex jistudjahom. Schembri kien ħabib ta' naturalisti kemm Maltin kif ukoll barranin. Fost dawn insibu lil Stefano Żerafa, Ġian Carlo Grech Delicata, Ġiuseppe Mamo, Gavino Gulia, Charles Wright, Nicola Ardoino u l-Kurunell Henry Maurice Drummond-Hay tal-*42nd Royal Highlanders Regiment,* li wara sar l-ewwel president tal-*British Ornithologist Union.*

Kien għal servizz bla heda li r-Re tal-Belġju ddekorah bl-*Ordni ta' Leopoldu.* Anke l-Papa Piju IX ddekorah bis-Salib ta' San Girgor Manju.

Antonio Schembri kien miżżewweġ lil Concetta Żammit u dawn baqgħu mingħajr tfal. Antonio miet fis-7 ta' Diċembru 1872 u Concetta fl-4 ta' Lulju 1905. It-tnejn jinsabu midfuna fil-kripta tal-Knisja ta' Ħal Għaxaq. Ħallew ġid kbir warajhom, iżda l-akbar patrimonju kien dak li Antonio Schembri ta lill-istorju naturali tal-gżejjer Maltin speċjalment fil-qasam ta' l-istudju ta' l-għasafar. ❑

# IL-PASSA TAT-TAJR TAL-PRIŻA

*Carmel Galea Bonavia*

Fost l-għasafar li jidhru fil-gżejjer Maltin insibu dawk magħrufa bħala tajr tal-priża. Fost dawn insibu wħud li huma rari kif ukoll oħrajn li huma komuni. Ir-raġuni għala xi speċi huma rari jew komuni fil-gżejjer Maltin ġejja kemm min-numru tagħhom fl-Ewropa, kif ukoll mill-mod kif dawn itiru, li jaffettwa sewwa r-rotot li jiehdu waqt il-passa tagħhom.

Jekk inħarsu lejn it-tajr tal-priża mill-mod kif itir, nistgħu naqsmuh f'żewġ gruppi: dak li jiġbor fih dawk l-ispeċi li għandhom ġwienaħ dojoq, bħal ngħidu aħna l-bgħadan* u l-isqra, u dawk li għandhom ġwenħajhom wesgħin, bħal ngħidu aħna l-ajkli u l-avultuni. Dawk ta' ġwenħajhom dojoq jaqdfu sewwa bil-ġwienaħ u ma jiddependux mill-kurrenti ta' l-arja sħuna tielgħa mill-art *(thermals)*. Mill-banda l-oħra, dawk tal-ġwienaħ wesgħin jiddependu ħafna mill-kurrenti ta' l-arja sħuna telgħin mill-art, biex mingħajr ma jaqdfu bil-ġwienaħ, iżommu fl-arja għal ħinijiet twal.



*Tajr tal-priża tal-ġwienaħ dojoq*



*Tajr tal-priża tal-ġwienaħ wesgħin*

---

**F'din il-pubblikkazzjoni ser ninqdew bl-isem* ***bagħdan*** *(plural* ***bgħadan****) li hija l-forma mitkellma. F'xi kitbiet jirreferu għalih ukoll bħal* ***bugħadam****.*


IN-NATURA NRU 13


AMicallef 93

Ma għandniex xi ngħidu, biex jaqsmu mill-Ewropa sa l-Affrika fil-ħarifa, u mill-Affrika sa l-Ewropa fir-rebbiegħa, dawn iridu jgħaddu minn fuq medda baħar, u fuq il-baħar ma jsibux kurrenti ta' l-arja sħuna tielgħa 'l fuq. Għalhekk għal dawk l-ispeċi tal-ġwienaħ wesgħin, dan huwa ostaklu kbir. Din il-problema, jegħlbuha billi jaqsmu mill-iqsar medda baħar, jiġifieri fit-truf tal-Mediterran: Ġibiltà u l-Bosforu.

Għall-kuntrarju, dak it-tajr tal-priża li għandu ġwenħajh dojoq, in-nuqqas ta' kurrenti sħan ta' l-arja fuq il-baħar mhux xi problema li ma jistax jegħlibha: flok jaqdef bi ġwenħajh fuq l-art, jaqdef fuq il-medda baħar li jaqsam minn fejn jilħqu.

Il-Kuċċarda hija każ daqsxejn differenti. Għalkemm hija tajra tal-priża mill-grupp ta' dawk tal-ġwienaħ wesgħin, u bħal dan it-tajr tuża l-kurrenti ta' l-arja fuq Ġibiltà u l-Bosforu, numru mhux ħażin minnhom jaqsmu l-baħar Mediterran innifsu.

Huwa għalhekk li fil-gżejjer Maltin, li huma 90 kilometru 'l bogħod mill-eqreb art u li jinstabu f'nofs il-baħar Mediterran, l-aktar tajr tal-priża li jidher huwa l-kuċċard, l-isqra, u l-bgħadan, waqt li l-ajkli, l-avultuni, il-kuċċard prim u oħrajn huma ħafna aktar rari. Xi oħrajn bħall-Arpa, l-Isparvier, u l-Astun Iswed jidhru regolarment iżda f'numri baxxi. Tajjeb għalhekk li nagħtu ħarsa ħafifa lejn it-tajr tal-priża l-aktar komuni fil-gżejjer Maltin.

## IL-KUĊĊARDA

Fir-rebbiegħa l-kuċċarda tidher mill-aħħar ta' Marzu sa nofs Ġunju, iżda l-aqwa żmien huwa l-ewwel nofs ta' Mejju. F'dan l-istaġun tidher f'numri mhux regolari ħafna: ġieli bilkemm dehret u ġieli kien hawn pases kbar. L-aktar li nistgħu narawha huwa fin-naħa t'isfel ta' Malta. Ftit jidhru fl-inħawi tar-Rabat. L-aħjar irjieħ huma dawk li jiġu mill-punent sal-grigal, meta l-kuċċard jidher l-aktar lejn Bengħisa, Delimara u l-inħawi l-oħra fil-qrib.

Fil-ħarifa, mill-banda l-oħra, il-kuċċarda tpassi minn nofs Awwissu sa l-aħħar ta' Ottubru, bl-aqwa tagħha għall-aħħar nofs ta' Settembru u ġieli l-ewwel ġimgħa ta' Ottubru wkoll. F'dan iż-żmien tas-sena, l-aħjar postijiet fejn tidher huma l-inħawi tar-Rabat, Binġemma, id-Dwejra, Ħad-Dingli, il-Buskett u s-Salib ta' l-Għolja wkoll.

F'dan l-istaġun tidher regolarment aktar milli tidher fir-rebbiegħa, u f'numri akbar. Meta r-riħ ikun mill-punent il-lbiċ sax-xlokk jonfoħ b'saħħa ħafifa għal moderata, dawn ġieli jlaħħqu l-mijiet. Anke fl-inħawi t'isfel ta' Malta tidher f'numri mhux ħażin, l-aktar fir-riħ fuq. Jista' jagħti l-każ li mill-bidu tat-tmeninijiet naqqset xi ftit fin-numru. Jidher li tippreferi temp sabiħ u ma tantx tidher bil-maltemp.

## IL-BGĦADAN

L-erba' speċi ta' bgħadan li jbejtu fl-Ewropa kollha jidhru fil-gżejjer Maltin, għalkemm il-Bagħdan Aħmar biss

huwa l-aktar komuni. Sa l-aħħar tas-sittinijiet, il-Bagħdan Abjad kien għadu jidher ta' spiss, iżda llum huwa rari. Kemm il-Bagħdan Griż kif ukoll il-Bagħdan Abjad Prim jgħaddu f'numri żgħar.

Fir-rebbiegħa, il-Bagħdan Aħmar iżurna bejn l-aħħar ta' Frar u nofs Mejju, għalkemm ġieli deher bil-mijiet f'pases kbar mill-aħħar ta' Marzu sa l-aħħar ta' April. Matul dan iż-żmien, il-Bagħdan Aħmar jidher f'numri ġmielhom, fi nħawi differenti, dejjem skond ir-riħ. Hekk, ngħidu aħna, bir-riħ fuq mill-punent sal-grigal, l-aħjar inħawi huma madwar Marsaxlokk, kif ukoll il-kosta fil-punent ta' Għawdex, speċjalment fl-inħawi tad-Dwejra. Bir-riħ ilbiċ, l-aħjar inħawi huma viċin il-kosta tal-lvant tal-gżejjer Maltin, ngħidu aħna Baħar iċ-Ċagħaq u Marsalforn. Bir-riħ xlokk jidher fl-inħawi tal-kosta tan-naħa ta' fuq tal-gżejjer Maltin.

Fil-ħarifa, il-passa tal-Bagħdan Aħmar tixbaħ lil dik tal-kuċċard: meta jonfoħ riħ punent il-lbiċ sax-xlokk, jidher fl-inħawi tar-Rabat speċjalment il-Buskett u s-Salib ta' l-Għolja, b'numri iżgħar fin-naħa ta' isfel ta' Malta. Minħabba miżuri għall-ħarsien tiegħu u ta' l-ambjent tiegħu fuq il-kontinent ta' l-Ewropa, il-Bagħdan Aħmar ilu jiżdied sa mill-bidu tas-sebgħinijiet u llum fil-ħarifa sar komuni daqs il-kuċċard.

L-ispeċi ta' Bgħadan l-oħra jgħaddu f'numri żgħar wisq biex jixħtu dawl dwar xi forma partikolari ta' kif ipassu, għalkemm jista' jagħti l-każ li dan jagħmel l-istess bħall-Bagħdan Aħmar. Interessanti l-fatt li fil-ħarifa dawn it-tliet speċi ta' Bgħadan jidhru inqas milli jidhru fir-rebbiegħa. Dan kien jiġri wkoll meta l-Bagħdan Abjad kien komuni: bil-kemm kien jidher fil-ħarifa. Fir-rebbiegħa l-Bagħdan Griż

1 Kuċċarda
2 Kuċċarda
3 Spanjulett Sekond (raġel)
4 Avultun Abjad
5 Avultun Abjad
6 Spanjulett (mara)
7 Spanjulett (raġel)
8 Żumbrell (mara)
9 Żumbrell (raġel)
10 Bagħdan Abjad (raġel)
11 Bagħdan Abjad Prim (raġel)
12 Bagħdan Abjad Prim (mara)
13 Bagħdan Aħmar (mara)
14 Bagħdan Aħmar (raġel)
15 Bagħdan Griż (mara)
16 Bagħdan Griż (raġel)
17 Seqer tal-Ħannieqa
18 Seqer tal-Ħannieqa
19 Ajkla Bajda
20 Bies tar-Reġina
21 Bies tar-Reġina
22 Bies
23 Bies






# GĦAT-TFAL KOLLĦA TAL-PRIMARJA

XUMMIEMU

Cadbury
the first name in chocolate

Segretarjat
**AMBJENT**

Capri-Sun®
fruit & fun

ipassi bejn April u Mejju, waqt li t-tnejn l-oħra jidhru xi ftit aktar kmieni bejn Marzu u April.

## L-ISQRA

L-isqra li jpassu minn fuq il-gżejjer Maltin f'numru sabiħ huma l-Ispanjulett, l-Ispanjulett Sekond, is-Seqer tal-Ħannieqa, ż-Żumbrell u l-Bies tar-Reġina. L-oħrajn huma rari.

Bla dubju ta' xejn, l-aktar wieħed komuni huwa l-Ispanjulett. Dan jidher kważi matul is-sena kollha u ġieli ttanta jbejjet ukoll. L-aktar li jpassi huwa minn nofs Frar sa l-aħħar ta' Mejju, speċjalment minn nofs Marzu sa l-aħħar ta' April. Fil-ħarifa jpassi mill-aħħar ta' Awwissu sal-bidu ta' Novembru, l-aktar mill-aħħar ta' Settembru sa l-aħħar ta' Ottubru. Fix-xitwa xi waħdiet jersqu lejn il-gżejjer Maltin u wħud minnhom irabbu l-post u jippruvaw iqattgħu x-xitwa magħna. Fir-rebbiegħa l-passa ta' l-Ispanjulett tifrex fuq il-gżejjer Maltin kollha u jiġi b'irjieħ varji. Fil-ħarifa, jidher f'numri akbar u bir-riħ mix-xlokk sal-punent il-lbiċ. F'xi staġuni jidher f'numri kbar ħafna speċjalment wara xi taqliba ta' l-ajru, meta numri kbar jidhru mferrxa, tista' tgħid, mal-gżejjer Maltin kollha.

L-Ispanjulett Sekond, bħall-Bagħdan Abjad, naqas ħafna wkoll mill-aħħar tas-sittinijiet 'l hawn u nistgħu ngħidu li llum huwa skars. Xi waħdiet, u kultant xi qatgħa żgħira, jidhru kemm fir-rebbiegħa bejn Marzu u April, kif ukoll, anzi aktar, fil-ħarifa bejn l-aħħar ta' Awwissu u l-aħħar ta' Ottubru.

Iż-Żumbrell ipassi l-aktar fir-rebbiegħa, iżda ma jidhirx b'ċerta regolarità. Ta' min jgħid li fid-29 ta' Mejju ta' l-1987 deher f'numri mhux tas-soltu, anke fi qtajja'. Fil-ħarifa minn dejjem kien u għadu rari. Dan is-seqer meta jkun tiela' lejn l-Ewropa jersaq lejn il-punent tal-Mediterran u jilħaq sewwa l-parti ċentrali. Mill-banda l-oħra, fil-ħarifa jinżel lejn l-Affrika mill-inħawi tal-lvant tal-Mediterran, 'il bogħod ħafna mill-gżejjer Maltin.

Il-Bies tar-Reġina huwa tajra interessanti ħafna. Dan ibejjet matul is-sajf u mhux fir-rebbiegħa. B'hekk ikun eħfef għal dan l-għasfur li jaqbad l-għasafar żgħar li jkunu qed ipassu lejn l-Affrika biex bihom jitma' l-frieħ tiegħu. Dan jidher fil-gżejjer Maltin bejn l-aħħar ta' April u l-aħħar ta' Ottubru. Nistgħu ngħidu li l-Bies tar-Reġina huwa forsi l-unika speċi ta' tajr tal-priża li tiġi regolarment fil-gżejjer Maltin fis-sajf, għalkemm f'numri żgħar. X'aktarx li l-għasafar li jidhru fil-bidu u fl-aħħar tal-passa tagħhom huma Bisien tar-Reġina xjuħ, li jkunu sejrin lejn, jew ġejjin minn postijiet tal-bejta tagħhom skond l-istaġun. Mill-banda l-oħra dawk il-waħdiet li naraw fis-sajf, u li anke jgħaddu xi ġranet magħna xi minn daqqiet, aktarx li huma għasafar li ma jkollhomx bejta u li jkunu jiskariġġaw 'l hawn u 'l hemm fil-Mediterran.

Is-Seqer tal-Ħannieqa huwa t-tieni speċi ta' seqer li għadna naraw f'numru mhux ħażin, għalkemm dan naqas ukoll. Fil-ħarifa dan jidher mill-aħħar ta' Awwissu sa l-aħħar ta'

# J.B. Sorotto Limited S Malta

International Mercantile & Shipping Services

Established 1877

SOROTTO

# A wealth of services for the shipping world

**Ship and Yacht Registration under Maltese Flag**

**Ship Agents, Brokers, Charterers, Tour Operators**

**Offshore Bunker Supply & Services Outside Harbour**

**Transhipment Operators**

---

Exchange Buildings, Republic Street, Valletta, VLT 05 – Malta
Telephone: (+356) 245127; Facsimile: (+356) 233417
Telex: (+406) 1301 SHPFST MW & 1506 SULMAR MW
AOH Telephones: (+356) 997326; 370056; 239120
Cablegrams: SOROTTO MALTA

Ottubru, u l-aktar minn nofs Settembru sal-bidu ta' Ottubru. Fir-rebbiegħa jidher f'numri iżgħar, l-aktar f'April u Mejju. Il-kondizzjonijiet tat-temp li jġiegħlu lis-Seqer tal-Ħannieqa jersaq lejn il-gżejjer Maltin jixbhu lil dawk li jġiegħlu lill-kuċċarda tersaq lejna.

Għalhekk il-passa tas-Seqer tal-Ħannieqa fir-rebbiegħa hija ftit jew wisq mifruxa fuq il-gżejjer Maltin, b'irjieħ varji. Mill-banda l-oħra, fil-ħarifa s-Seqer tal-Ħannieqa jiġbed lejn l-għoljiet ta' madwar ir-Rabat, u l-aħjar irjieħ li jwassluh huma mill-punent il-lbiċ sax-Xlokk.

Il-gżejjer Maltin joffru spettaklu tal-passa ta' l-għasafar, fosthom dik tal-passa tat-tajr tal-priża. Dan il-fenomenu joffri minjiera ta' tagħrif li nistgħu nikxfuh biss permezz ta' l-istudju. Diġa' saru xi studji, u għadhom isiru, iżda għad baqa' ħafna tagħrif ieħor xi nsibu. Bħala eżempju, nafu li l-kuċċard f'Malta huwa aktar komuni fil-ħarifa milli fir-rebbiegħa. Mill-banda l-oħra fi Sqallija huwa aktar komuni fir-rebbiegħa milli fil-ħarifa. Jekk il-kuċċard jiġi u jmur lejn Sqallija, għaliex dan? Mill-banda l-oħra, x'jgħaddi eżattament f'Għawdex u meta?

## MENTALITA' QERRIEDA

Li nafu fiż-żgur huwa li l-gżejjer Maltin huma mogħnija b'postijiet bħall-Buskett li fihom, speċjalment matul Settembru, wieħed jista' jissaħħar bil-miraklu tal-passa ta' dawn l-għasafar. Nafu wkoll li l-Buskett huwa santwarju ta' l-għasafar fejn mhux biss ħadd ma jista' jieħu jew joqtol xi għasfur, iżda ħadd ma jista' lanqas iġorr arma tan-nar. Nafu wkoll li kull sena, speċjalment f'Settembru, isir massakru sħiħ ta' dan it-tajr imħares bil-liġi f'dan is-santwarju ta' l-għasafar, minn dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar u li jgħidu li dan huwa sport u delizzju. Jidher ċar li dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasfar, ma jimpurtahomx mill-wirt naturali; ma jimpurtahomx mil-liġijiet tal-pajjiż u ma jimpurtahomx mir-responsabbiltà li għandna lejn pajjiżi oħra minn fejn jiġi dan it-tajr. Lanqas ma jimpurtahom mill-istudju xjentifiku li jista' jsir kieku dawn l-għasafar protetti ma jibqgħux jinqatlu sena wara l-oħra. Huma determinati biss li joqtlu l-għasafar. ❑

# IT-TAJR TAL-PRIŻA F'MALTA

*Natalino Fenech*



Il-bżonn tal-ħarsien tat-tajr tal-priża kien ilu jinħass ħafna. L-ornitologisti (dawk li jistudjaw l-għasafar) u n-naturalisti (dawk li jistudjaw in-natura) kemm-il darba talbu biex it-tajr tal-priża jiġi mħares bil-liġi. Antonio Schembri, meqjus bħala missier l-ornitoloġija Maltija, John H. Cooke, Ingliż li kien fis-sevizzi stazzjonat f'Malta, il-Konti Caruana Gatto u Ġiuseppe Despott kienu minn ta' l-ewwel li nsistew għall-ħarsien ta' l-għasafar, fosthom it-tajr tal-priża. L-isforzi ta' dawn in-nies ħafna drabi kienu megħluba minn nies li kellhom influwenza kbira ma' l-awtoritajiet. Fl-1911, il-Kokka tas-Siġar ġiet imħarsa bil-liġi, waqt li fl-1916 l-Ispanjulett ġie mħares ukoll. It-tajr tal-priża kollu ġie mħares bil-liġi fl-1980, iżda minkejja dan, dawn l-għasafar għadhom il-mira ta' dawk li jisparawlhom biex jibbalzmawhom.

Sa minn dejjem, l-akbar problema kienet in-nuqqas ta' infurzar tal-liġijiet, tant li ta' spiss jidhru lmenti fil-ġurnali dwar it-tkasbir tar-regolamenti tal-ħarsien ta' l-għasafar li qed jinkisru bl-addoċċ u li qisu ħadd m'hu qed jinforzahom. Studji li saru juru li llum it-tajr tal-priża jinqatel prattikament f'kull xahar tas-sena. Iżda l-aktar li jinqatel tajr tal-priża huwa minn Marzu sa Mejju u minn Settembru sa Novembru. L-aktar tajr tal-priża li jinqatel huwa l-Ispanjulett, il-Bgħadan u l-Kuċċard.

Il-Kokka tax-Xagħri wkoll tinqatel f'numri kbar, iżda peress li din ma ttirx fil-għoli bħat-tajr tal-priża l-ieħor, rari tidher waħda tinqatel. In-numri ta' tajr tal-priża li jinqatel f'pajjiżna huma kbar ħafna. Minn studji bbażati fuq x'jinqabad ras għal ras, huwa stmat li kull sena f'Malta jinqatlu bejn 64,000 u 96,000 tajra tal-priża.

Dan l-aħħar, it-tajr tal-priża ma baqax jinqatel biss minn fuq l-art, iżda qed jinqatel ukoll f'numri kbar minn fuq il-baħar. Billi uħud mit-tajr tal-priża jtir fil-baxx fuq il-baħar minħabba n-nuqqas ta' arja sħuna *(thermals)*, dan jintlaħaq u jinqatel bla diffikultà, aktar u aktar meta jintużaw bċejjeċ tal-baħar b'magni b'saħħithom, minbarra snieter u skrataċ li jwasslu aktar, u mezzi sofistikati oħra.

◄ *minn id il-Ħallieq...*

*... għal id il-bniedem* ▼

Fenech



Fuq l-art, it-tajr tal-priża jinqatel tista' tgħid minn kullimkien. Fir-rebbiegħa, meta t-tajr ikun qed ipassi mill-Affrika għall-Ewropa, it-tajr tal-priża jinqatel l-aktar tard filgħodu jew wara nofsinhar. Billi l-parti l-kbira tat-tajr tal-priża jitlaq mix-xtut ta' l-Affrika filgħodu, jasal qrib Malta tard filgħodu u kmieni wara nofsinhar.

Huwa meqjus li l-kuċċarda tpassi b'veloċità ta' madwar 55 kilometru (34 mil) fis-siegħa. B'hekk kuċċarda li titlaq mix-xtut tal-Libja jew tat-Tuneżija trid mill-anqas sitt sigħat taqdef bla waqfien biex tasal f'Malta. Wara sforz ta' dan it-tip, it-tajr tal-priża jasal fi xtutna għajjien mejjet u ħafna drabi bil-ġuħ. Iżda f'artna ma jsibx mistrieħ. Pajjiżna hu żgħir u l-postijiet fejn jista' jinżel jistrieħ huma ftit. Iżda din mhix l-akbar problema. L-akbar waħda hija l-mentalità ta' dawk li jaħsbu li t-tajr tal-priża nħoloq biex jinqatel u jispiċċa bbalzmat ġol-vetrina jew biex *iżejjen* xi salott.

Hija ħaġa stupida li wieħed joqtol ħaġa ħajja, biex jibbalzmaha u jagħmilha *qisha ħajja.* Ikun ferm aħjar kieku t-tajr tal-priża minflok jinqatel jitħalla ħieles, biex joffri spettaklu għal kulħadd, u jibqa' ħaj biex jaqdi xogħlu fil-bilanċ tan-natura. Dan jista' jiġri wkoll f'pajjiżna, jekk irridu.

*Ir-regolamenti għall-ħarsien ta' l-għasafar*


B 251

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,756, 8 ta' Awissu, 1980*

*Taqsima B*

**A.L. 68 ta' l-1980**

**KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)**

**Regolamenti ta' l-1980 dwar il-Protezzjoni ta' l-Agħsafar u ta' Fniek Selvaġġ**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 195 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 dwar il-Protezzjoni ta' l-Agħsafar u ta' Fniek Selvaġġ.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti —

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija;

"tieħu" tinkludi tonsob iżda ma tinkludix tispara; u

"staġun magħluq" tfisser —

(a) dwar għasafar, f'kull żmien bejn it-22 ta' Mejju u l-31 ta' Awissu ta' kull sena; u

... fniek selvaġġ, f'kull żmien bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ...

Liċenza għall-kaċċa.

... prova tispara ...

# Jeħlu l-Ħabs

Xi kaċċaturi Taljani kien ilhom numru ta' snin imorru fl-inħawi ta' Lot u tal-Garonne, u minn ġod-duriet jisparaw għall-alwett u tajr ieħor tal-passa.

Dawn, li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar, kienu jużaw apparat elettroniku biex jiġbdu lejhom l-għasafar. Huma ġew arrestati u weħlu xahar ħabs, multi kbar u barra minn hekk, weħlu wkoll tad-danni li għamlu bl-imgħax.

Meta dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar jibdew iħabbtu wiċċhom mal-liġi b'dan il-mod, imbagħad inkunu nistgħu ngħidu li l-għasafar ikunu verament jistgħu jitgawdew minn kulħadd.

*L'Homme et l'Oiseau, Settembru 1991*



# It-Turkija u l-Ħarsien ta' l-għasafar

Fl-ewwel ta' Mejju ta' l-1991, il-parlament Tork għadda liġijiet ġodda dwar il-kaċċa. Dawn il-liġijiet kien ilhom jitfasslu sa mill-1977. Permezz ta' dawn il-liġijiet il-kaċċa twaqqfet u ġiet ipprojbita għal sentejn, għalkemm dawn il-liġijiet ma kienux immirati lejn dawk l-annimali li huma meqjusa li jagħmlu l-ħsara. Permezz ta' dawn ir-regolamenti ġew imdaħħla miżuri ta' supervizjoni. Dawn jittrattaw ukoll l-organizzazzjoni ta' għaqdiet tal-kaċċa u l-ħruġ tal-permessi.

L-għan ta' dawn il-liġijiet kien li titwaqqaf il-kaċċa illegali fit-Turkija. Il-Bord tal-Foresti kien responsabbli li jara li dawn ir-regolamenti jiġu inforzati.

*Naturopa* Mejju 91

# ... *U Ċipru*

Il-President ta' Ċipru, George Vassiliou, ikkonferna l-għeluq tal-kaċċa għat-tajr tal-passa fir-rebbiegħa kollha tas-sena 1992.

*Panda* Jannar 1992

# L-Avultuni...

### *Fl-Italja kontinentali*

Il-Kumitat Taljan għall-Ħarsien tat-Tajr tal-Priża (iċ-C.I.P.R.*) talab lir-reġjun tal-Calabria biex iwaqqaf ħames riservi naturali fil-provinċji ta' Cosenza u ta' Catanzaro, biex jiġu mħarsa l-aħħar pari ta' l-Avultun Abjad li għadhom ibejtu f'dawn l-inħawi. L-Avultun Abjad huwa l-iktar speċi li qiegħda fil-periklu li tinqered mill-Italja kontinentali, fejn għad baqa' biss xi erba' jew ħames pari. Biex jiġi mħares dan it-tajr mhemmx dubju li hemm bżonn ta' riservi naturali. Il-ħtieġa ta' dawn tinħass mill-fatt li żewġ avultuni xjuħ ġew maqtula fl-1989, u xiħ ieħor u ferħ għadu kif tajjar fl-1990.

Ta' min ifakkar fil-proġett imniedi mill-WWF** biex dan l-Avultun jiġi mrobbi fil-magħluq. Dan iservi biex 'il quddiem jistgħu jkunu ripopolati l-postijiet minn fejn għeb u b'hekk bil-ħarsien ta' l-ambjent din it-tajra interessanti tibqa' tgħix fl-Italja.

* *Comitato Italiano per la Protezione degli Uccelli Rapaci*

** *World Wide Fund for Nature*

*Panda* Lulju 1991

### *F'Sardenja*

Fil-majjistral ta' Sardenja għadha tgħix l-aħħar kolonja b'saħħitha ta' l-Avultun Prim, li b'fetħa tal-ġwienah ta' tliet metri, jimla is-sema ta' Sardenja.

Sena biss ilu, il-LIPU*, megħjuna bi flus mill-istess reġjun, kienet temmet b'suċċess il-proġett biex iżżid in-numru ta' din il-kolonja b'Avultuni Prim miġjuba mill-Park Nazzjonali ta' Monfrague fi Spanja. Bejn Bosa u Algħero għad baqa' forsi l-akbar kosta tal-blat mhux mittiefsa ta' Sardinja u ta' l-Italja.

* *Lega Italiana Protezioni Uccelli*

*Ali notizie* Lulju 1992

### *Malta*

Avultun Prim ġie maqtul minn kaċċaturi fuq dingi qrib il-gżira ta' Filfla, ir-riserva naturali waħdanija ta' Malta. It-tajra li kellha fetħa tal-ġwienah ta' tliet metri u, bħat-tajr tal-priża kollu, tappartjeni għal speċi protetta (anke jekk xi Maltin ma tantx iħabblu rashom b'daqshekk) kienet ġejja probabbilment minn Sardinja, fejn l-aħħar kolonja ta' din it-tajra hija protetta għall-aħħar, jew mill-Affrika ta' Fuq. L-aħħar darba li l-Avultun Prim deher f'Malta kien fl-1847, u anke din id-darba dan l-għasfur kien ġie maqtul ukoll. ▶

*Panda* Marzu 1992


Vakon 93

# L-Ajkla ta' Bonelli

Ajkla oħra li hija anqas magħrufa iżda ħafna aktar mhedda hija l-Ajkla ta' Bonelli. Billi din ma tgħixx fuq il-muntanji għoljin fejn kienet tkun tista' tgħix aktar fil-kwiet, iżda tgħix fil-blat mal-ġnub tal-widien tal-Mediterran, huwa aktar faċli li tintlaħaq. Huwa stmat li fl-Italja għad baqa' biss mal-15 minn dan it-tip ta' għasfur. Fil-fatt ġew osservati 10 fi Sqallija u 5 f'Sardinja waqt li mill-Italja kontinentali għebet għal kollox. Fi Franza dan l-għasfur qiegħed jonqos b'rata allarmanti minħabba li jinqatel bix-xokkijiet mill-wajers tad-dawl. Fl-Italja t-theddida għalihom hija mis-snieter tal-kaċċaturi.

*Ali Notizie* Lulju 1992



Ajkla Rjali

# L-Ajkla Rjali

F'laqgħa li saret fit-30 ta' Mejju 1992 f'S. Vito/ Borca di Cadore fl-Italja, ġie magħruf li n-numru ta' Ajkli Rjali żdied xi ftit fuq in-numru li kien hemm għaxar snin qabel meta kien sar ċensiment ta' dawn l-għasafar. Dan huwa riżultat importanti għax juri li l-kuxjenza ambjentali qed tikber waqt li l-kaċċa u l-persekuzzjoni qed jonqsu. Dan juri wkoll li għad baqa' ambjenti fil-muntanji li ekoloġikament għadhom mhux mittiefsa. Barra minn hekk, mammiferu (il-marmot) li jipprovdi l-ikel għal dan it-tajr ukoll ġie mħares bil-liġi. Din żammet b'saħħitha l-katina ta' l-ikel.

L-Ajkli Rjali jgħixu fl-Appennini u fl-Alpi f'għoli ta' bejn 200 u 2000 metru. Dan it-tajr biex jgħix jaqbad mammiferi, bħall-marmot, għalkemm jaqbad ukoll rettili u għasafar oħra.

L-Ajkla Rjali tbid bajda waħda jew tnejn, rari ħafna tlieta, li msaħħna mill-mara, ifaqqsu wara 45 ġurnata, għall-ewwel nofs ta' Mejju.

Jekk xi waħda minn dan it-tajr tażżarda tpassi minn fuq il-gżejjer Maltin, dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar malajr itemmulha ħajjitha ħesrem. L-isforzi għall-ħarsien ta' dan it-tajr jispiċċaw fix-xejn .....imma xi ħadd ikollu Ajkla Rjali bbalzmata fil-vetrina tiegħu fil-gżejjer Maltin.

*Ali Notizie* Lulju 1992

# LISTA TA' SPEĊI LI JISSEMMEW F'DIN IL-ĦARĠA

| MALTI | XJENTIFIKU | INGLIŻ |
|---|---|---|
| Ajkla Bajda | *Circaetus gallicus* | Short-toed Eagle |
| Ajkla Rjali | *Aquila chrysaetos* | Golden Eagle |
| Ajkla ta' Bonelli | *Hieraaetus fasciatus* | Bonelli's Eagle |
| Ajkli | Aves: Accipitridae | Eagles |
| Arpa | *Pandion haliaetus* | Osprey |
| Astun Aħmar | *Milvus milvus* | Red Kite |
| Astun Iswed | *Milvus migrans* | Black Kite |
| Avultun Abjad | *Neophron percnopterus* | Egyptian Vulture |
| Avultun Prim | *Gyps fulvus* | Griffon Vulture |
| Avultuni | Aves: Accipitridae | Vultures |
| Bagħdan Abjad | *Circus macrourus* | Pallid Harrier |
| Bagħdan Abjad Prim | *Circus cyaneus* | Hen Harrier |
| Bagħdan Aħmar | *Circus aeruginosus* | Marsh Harrier |
| Bagħdan Griż | *Circus pygargus* | Montagu's Harrier |
| Barbaġann | *Tyto alba* | Barn Owl |
| Bies | *Falco peregrinus* | Peregrine Falcon |
| Bies tar-Reġina | *Falco eleonorae* | Eleonora's Falcon |
| Ċawla | *Corvus monedula* | Jackdaw |
| Isqra | Aves: Falconidae | Falcons |
| Kanġu ta' Filfla | *Hydrobates pelagicus* | European Storm Petrel |
| Kokka tas-Siġar | *Otus scops* | Scops Owl |
| Kokka tax-Xagħri | *Asio flammeus* | Short-eared Owl |
| Kuċċarda | *Pernis apivorus* | Honey Buzzard |
| Kuċċarda Prima | *Buteo buteo* | Common Buzzard |
| Seqer tal-Ħannieqa | *Falco subbuteo* | Hobby |
| Spanjulett | *Falco tinnunculus* | Kestrel |
| Sparvier | *Accipiter nisus* | Sparrowhawk |
| Spanjulett Sekond | *Falco naumanni* | Lesser Kestrel |
| Żumbrell | *Falco vespertinus* | Red-footred Falcon |

## Tiswija

***In-Natura* Nru. 12 - paġna 13.**
**Il-Fekruna fir-ritratt hija l-Fekruna Ħadra - waħda mill-fkieren tal-baħar li jidhru fl-ibħra tal-gżejjer Maltin.**

***In-Natura* Nru. 12. - paġna 17.**
**In-numru ta' Qerd in-Naħal li jinstabu madwar id-dinja huwa erbgħa u għoxrin u mhux erbgħa.**

# Malta's Banking Tradition



Mid-Med's banking services are as well-known and appreciated as the local village festas. Mid-Med's banking tradition dates back over 100 years with a reputation as one of the Island's leading Financial Institutions.
Today, the full range of modern banking services are available from Mid-Med, backed by the latest computer technology.
These are but a few:

### Current Accounts

A Mid-Med Current Account makes a lot of sense if you need to keep track of your finances! Make use of your own personalised cheque book or a Quikcash card and you won't need to carry large sums of money around.

### Foreign Currency Accounts

Hold your Foreign Currency in Malta and earn high interest rates - often higher than those quoted elsewhere. See the newspaper for current rates.

### Loans

Mid-Med provides you with that extra cash required to finance any type of project, both in the private and corporate sectors.

**Mid-Med - *Better Banking for You***

**Mid-Med Bank**

***A Network of Branches throughout Malta and Gozo***

**You can always rely on Mid-Med - call at any one of our Branches throughout Malta and Gozo and find out how Mid-Med has built a tradition of better banking.**